MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Numru 4012/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fabio Zulian, Gaetano Caramazza u Nevio Barut**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali, minnu presentat fis-27 ta’ April 2007, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tiddikjara li fl-10 ta’ Jannar 2007 kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Gaetano Caramazza jitqieghed taht att ta’ akkuza anke ghar-rigward “ta’ l-akkuza tal-frodi kommessa minnu fil-konfront tac-cheques mahruga mill-kont kurrenti tieghu u tal-akkuza ta’ falsifikazzjoni” u konsegwentement tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra l-imsemmi Gaetano Caramazza “a bazi wkoll ta’ dawn iz-zewg akkuzi”;

Rat id-digriet preliminari taghha tal-istess gurnata li permezz tieghu ordnat li r-rikors jigi notifikat lil Gaetano Caramazza u ffissat l-udjenza ghat-Tnejn 30 ta' April 2007;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn 30 ta' April 2007;

Ikkunsidrat:

Dan ir-rikors qed isir mill-Avukat Generali skond id-disposizzjonijiet transitorji tal-Artikolu 5 tal-Att VI tal-2007 li gie fis-sehh proprju fis-27 ta' April 2007. Bazikament ir-rikorrent jikkontendi li l-Qorti Istruttorja ma kienitx korretta meta, fid-digriet taghha tal-10 ta' Jannar 2007, moghti skond l-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, iddecidiet li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Caramazza jitqieghed taht att ta' akkuza riferibbilment ghall-akkuzi (**<u>recte</u>:** imputazzjonijiet) ta' frodi u falsifikazzjoni kif aktar 'l fuq imsemmi.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, hi tal-fehma li r-rikorrent Avukat Generali ghandu ragun. Apparti dak li jindikaw il-provi migjuba fil-kors tal-Istruttorja qabel l-imsemmija data tal-10 ta' Jannar 2007, il-Qorti Istruttorja ma tistax, meta tigi biex tgahti d-digriet taghha skond l-imsemmi Artikolu 401(2), tispigola imputazzjoni minn ohra – ara f'dan is-sens *passim* id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tas-17 ta' Marzu 1988 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Supretendent Alfred Calleja u Spettur A. Farrugia) v. Dottor Lawrence Pullicino***, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta' Frar 2007 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma) v. Joseph Lebrun***. Isegwi neccessarjament ghalhekk li fl-10 ta' Jannar 2007 il-Qorti Istruttorja ma setghetx testrometti mill-procediment l-akkuza ossia imputazzjoni ta' frodi kommessa in kwantu hu allegat li l-imputat Caramazza hareg cheques mill-kont kurrenti tieghu, kif ukoll l-imputazzjoni tal-falsifikazzjoni, u fl-istess hin tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-istess Caramazza jitqieghed taht att ta' akkuza fir-rigward ta' imputazzjonijiet ohra.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali kif migjuba fir-rikors tieghu tas-27 ta’ April 2007 u konsegwentement tiddikjara li fl-10 ta’ Jannar 2007 kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Gaetano Caramazza jitqieghed taht att ta’ akkuza anke gharrigward “ta’ l-akkuza tal-frodi kommessa minnu fil-konfront tac-cheques mahruga mill-kont kurrenti tieghu u ta’ l-akkuza tal-falsifikazzjoni”, u ghalhekk ukoll tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra l-istess Caramazza a bazi wkoll ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Tordna li kopja ta’ dan id-digriet jigi minnufih notifikat l-Avukat Generali u l-imsemmi Gaetano Caramazza, u li kopja tieghu tigi wkoll inserita mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, fl-attijiet tal-Istruttorja fl-ismijiet premessi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------